# Il-Ġurnal Uffiċjali C 263

## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

20 ta' Lulju 2016

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 263/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8080 — Maxburg II/VREP/Norafin) (1) .... 1

2016/C 263/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8094 — BNP Paribas Fortis Private Equity Belgium/Sofindev IV/DHAM/Novy International) (1) .... 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 263/03 Rata tal-kambju tal-euro .... 2

**Il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali**

2016/C 263/04 Id-Deċiżjoni Nru H8 tas-17 ta' Diċembru 2015 (aġġornata bi ftit kjarifiki tekniċi fid-9 ta' Marzu 2016) dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Dejta tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali .... 3

**MT**

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2016/C 263/05 Pubblikazzjoni ta' talba ta' reġistrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ........ 7

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8080 — Maxburg II/VREP/Norafin)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 263/01)

Fil-11 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M8080. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8094 — BNP Paribas Fortis Private Equity Belgium/Sofindev IV/DHAM/Novy International)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 263/02)

Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M8094. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Id-19 ta’ Lulju 2016**

(2016/C 263/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1035 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4364 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 117,20 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 8,5585 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4389 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5684 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83950 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,4921 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,4922 | KRW | Won tal-Korea t’Isfel | 1 257,60 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0877 | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t’Isfel | 15,8098 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,3875 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,3489 | HRK | Kuna Kroata | 7,4905 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 443,16 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,014 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,4205 |
| HUF | Forint Ungeriż | 314,73 | PHP | Peso Filippin | 51,735 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3729 | RUB | Rouble Russu | 69,5272 |
| RON | Leu Rumen | 4,4772 | THB | Baht Tajlandiż | 38,615 |
| TRY | Lira Turka | 3,2878 | BRL | Real Brażiljan | 3,6078 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4727 | MXN | Peso Messikan | 20,3706 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 74,0824 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

## ID-DEĊIŻJONI Nru H8

**tas-17 ta' Diċembru 2015 (aġġornata bi ftit kjarifiki tekniċi fid-9 ta' Marzu 2016)**

**dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Dejta tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali**

(2016/C 263/04)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali ([1]), li permezz tiegħu l-Kummissjoni Amministrattiva għandha tinkoraġġixxi u tiżviluppa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi timmodernizza l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari billi tadatta l-fluss ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet għall-iskop ta' skambju b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-ipproċessar tad-dejta f'kull Stat Membru; u tadotta r-regoli strutturali komuni għas-servizzi tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari dwar is-sigurtà u l-użu ta' standards, u għandha tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tħaddim tal-parti komuni ta' dawk is-servizzi;

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, li permezz tiegħu l-Kummissjoni Amministrattiva għandha twaqqaf u tiddetermina l-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni ta' Kummissjoni Teknika għall-ipproċessar tad-Dejta, li għandha tagħti rapporti u opinjoni motivata qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet mill-Kummissjoni Amministrattiva skont l-Artikolu 72(d),

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni Amministrattiva tistabbilixxi l-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Dejta stipulata fl-Artikolu 73(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004. Din għandha tissejjaħ "il-Kummissjoni Teknika".

2. Il-Kummissjoni Teknika għandu jkollha l-funzjonijiet stipulati fl-Artikolu 73(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

3. Il-mandat fir-rigward tal-kompiti speċifiċi tal-Kummissjoni Teknika għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni Amministrattiva li tista' temenda dawn il-kompiti kif meħtieġ.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni Teknika għandha tkun komposta minn żewġ membri minn kull Stat Membru, li wieħed minnhom għandu jkun nominat bħala l-membru permanenti, filwaqt li l-ieħor ikun maħtur bħala s-sostitut tiegħu.

2. In-nomini minn kull Stat Membru għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva mir-rappreżentant tal-gvern għall-Istat Membru fil-Kummissjoni Amministrattiva.

3. Il-membri jistgħu jkunu akkumpanjati fil-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika minn espert jew esperti addizzjonali fejn dan hu neċessarju minħabba n-natura tas-suġġetti li jkunu jridu jiġu ttrattati.

4. Kull delegazzjoni tista', bħala regola, tikkonsisti minn mhux aktar minn erba' persuni.

5. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kummissjoni Amministrattiva jew persuna maħtura minnu għandha taġixxi f'kapaċità konsultattiva fi ħdan il-Kummissjoni Teknika.

6. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea, is-sostitut tiegħu jew xi persuna oħra maħtura mis-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva jista' jattendi l-laqgħat kollha tal-Kummissjoni Teknika jew il-gruppi ta' ħidma *ad hoc* tagħha. Barra minn hekk, rappreżentanti ta' dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jattendu għal dawk il-laqgħat, meta dan ikun rilevanti għall-kwistjoni li trid tiġi ttrattata.

7. Membru tas-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu jattendi għal-laqgħat kollha tal-Kummissjoni Teknika jew tal-gruppi ta' ħidma *ad hoc* tagħha.

([1]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

*Artikolu 3*

1. Il-kariga ta' President tal-Kummissjoni Teknika għandha tinżamm kull sitt xhur mill-membru permanenti jew inkella minn uffiċjal maħtur ieħor li jappartieni għall-Istat li r-rappreżentant tiegħu fil-Kummissjoni Amministrattiva jkollu f'idejh il-kariga ta' President ta' dik il-Kummissjoni tul l-istess perjodu.

2. Jekk il-President fil-kariga ma jkunx jista' jattendi xi laqgħa tal-Kummissjoni Teknika, is-sostitut tiegħu għandu jaġixxi bħala President.

3. Il-President tal-Kummissjoni Teknika jista' jagħti struzzjonijiet lis-Segretarjat għal-laqgħat li jridu jittellgħu u għall-prestazzjoni ta' attivitajiet fil-limiti tal-ambitu tal-kompiti tal-Kummissjoni Teknika.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni Teknika għandha titlaqqa' permezz ta' ittra ta' konvokazzjoni mibgħuta lill-membri u lir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea ta' mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa mis-Segretarjat b'konsultazzjoni mal-President tal-Kummissjoni Teknika.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni Teknika għandha tadotta r-rapporti u l-opinjonijiet raġunati tagħha fejn hemm bżonn fuq bażi ta' dokumenti u studji tekniċi. Hi tista' titlob mill-amministrazzjonijiet nazzjonali kwalunkwe informazzjoni li tqis neċessarja għat-twettiq xieraq tal-kompiti tagħha.

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni Teknika tista' tistabbilixxi gruppi ta' ħidma *ad hoc* komposti minn għadd limitat ta' persuni biex jikkunsidraw kwistjonijiet speċifiċi u li jippreżentaw il-proposti lill-Kummissjoni Teknika.

Il-Kummissjoni Teknika għandha tiddeskrivi b'mandat bil-miktub il-kompiti li jridu jitmexxew 'il quddiem minn gruppi ta' ħidma bħal dawn u l-iskeda taż-żmien għat-twettiq ta' dawk il-kompiti.

2. Il-gruppi ta' ħidma *ad hoc* għandhom ikunu ppreseduti minn persuna maħtura mill-President tal-Kummissjoni Teknika b'konsultazzjoni mar-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jew, fin-nuqqas ta' dan, minn espert li jirrappreżenta l-Istat li r-rappreżentant tiegħu fil-Kummissjoni Amministrattiva jkollu f'idejh il-kariga ta' President ta' dik il-Kummissjoni.

3. Il-President tal-grupp ta' ħidma *ad hoc* għandu jissejjaħ għal-laqgħa tal-Kummissjoni Teknika li matulha jiġi diskuss ir-rapport ta' dak il-grupp ta' ħidma *ad hoc*.

*Artikolu 7*

Membru maħtur mis-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu jipprepara u jorganizza l-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika.

*Artikolu 8*

1. Ir-rapporti u l-opinjonijiet raġunati għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tal-Kummissjoni Teknika, b'kull Stat Membru jkollu vot wieħed li għandu jintefa' mill-membru permanenti jew fl-assenza tiegħu mis-sostitut tiegħu. Ir-rapporti jew l-opinjonijiet raġunati tal-Kummissjoni Teknika jridu jindikaw jekk intlaħqux b'unanimità jew b'maġġoranza sempliċi. Huma jridu, jekk ikun hemm minoranza, jistabbilixxu konklużjonijiet jew riservi tal-minoranza.

2. Meta membru permanenti tal-Kummissjoni Teknika jkollu f'idejh il-kariga ta' President, is-sostitut tiegħu għandu jivvota minfloku.

3. Kwalunkwe membru preżenti li meta jittieħed vot jastjeni milli jivvota għandu jiġi mistieden mill-President biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex astjena.

4. Meta l-maġġoranza tal-membri preżenti jastjenu, il-proposta li tkun tpoġġiet għall-vot għandha titqies li ma ġietx ikkunsidrata.

5. Il-Kummissjoni Teknika tista' tiddeċiedi li tadotta rapporti u opinjonijiet raġunati bl-użu ta' proċedura bil-miktub jekk dwar din il-proċedura jkun intlaħaq ftehim f'laqgħa preċedenti tal-Kummissjoni Teknika.

Għal dan il-għan, il-President għandu jikkomunika t-test li għandu jiġi adottat lill-membri tal-Kummissjoni Teknika. Il-Membri għandhom jingħataw limitu ta' żmien stabbilit ta' mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol li fihom il-membri għandu jkollhom il-possibilità li jistqarru li ma jaqblux mat-test propost jew li jastjenu mill-votazzjoni. Nuqqas ta' tweġiba fil-limitu ta' żmien fiss titqies bħala vot fl-affermattiv.

Il-President jista' wkoll jiddeċiedi li jniedi proċedura bil-miktub f'każ li ma jkun intlaħaq ebda ftehim minn qabel f'laqgħa tal-Kummissjoni Teknika. F'każ bħal dan, ftehim bil-miktub biss dwar it-test propost għandu jgħodd bħala vot affermattiv u għandu jingħata l-limitu ta' żmien fiss ta' mill-inqas 15-il jum tax-xogħol.

Il-President, wara li jiskadi l-limitu ta' żmien, għandu jinforma lill-membri dwar ir-riżultat tal-vot. Deċiżjoni li tkun irċeviet l-għadd meħtieġ ta' voti favur tiġi meqjusa li tkun ġiet adottata fl-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-membri jkunu ntalbu jirrispondu.

6. Jekk membru tal-Kummissjoni Teknika jipproponi matul il-proċedura bil-miktub li t-test jiġi emendat, il-President jagħżel bejn li:

(a) jerġa' jibda mill-ġdid il-proċedura bil-miktub billi jikkomunika l-emenda proposta lill-membri skont il-proċedura fil-paragrafu 5, jew

(b) iħassar il-proċedura bil-miktub biex il-kwistjoni terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss,

skont liema proċedura l-President iqis xierqa għall-kwistjoni kkonċernata.

7. Jekk membru tal-Kummissjoni Teknika, qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien mogħti għar-risposti, jitlob li t-test propost jiġi eżaminat f'laqgħa mal-Kummissjoni Teknika, il-proċedura bil-miktub titħassar.

Il-kwistjoni mbagħad tiġi eżaminata fil-laqgħa tal-Kummissjoni Teknika li jkun imiss.

*Artikolu 9*

1. L-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa tal-Kummissjoni Teknika għandha titfassal mis-Segretarjat b'konsultazzjoni mal-President tal-Kummissjoni Teknika.

Qabel jipproponi li jinkludi punt fl-aġenda, is-Segretarjat jista', fejn dan jidher li huwa neċessarju, jistaqsi lid-delegazzjonijiet ikkonċernati sabiex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-kitba dwar din il-kwistjoni.

L-aġenda proviżorja għandha, fil-prinċipju, tinkludi punti li dwarhom titressaq talba minn membru jew mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea.

2. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat ta' mill-anqas 15-il jum tax-xogħol qabel il-bidu ta' kull laqgħa lill-membri tal-Kummissjoni Teknika u lill-persuni msemmija fl-Artikolu 2(6) hawn fuq. Verżjoni riveduta tal-aġenda tista' tintbagħat 5 ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa.

Id-dokumenti relatati mal-punti fuq l-aġenda li jeħtieġu deċiżjonijiet jew opinjonijiet fil-laqgħat rispettivi għandhom ikunu disponibbli, bħala regola ġenerali, mhux aktar tard minn 10 ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa. Dan ma japplikax għal dokumenti li jipprovdu informazzjoni ġenerali li ma hemmx bżonn li jiġu approvati, ċirkostanzi eċċezzjonali u każijiet oħra li jistgħu jiġu miftiehma mill-Kummissjoni Teknika skont l-Artikolu 14 hawn taħt.

3. Fil-bidu ta' kull laqgħa l-Kummissjoni Teknika għandha tapprova l-aġenda tal-laqgħa.

Vot unanimu tal-Kummissjoni Teknika huwa meħtieġ għall-inklużjoni fl-aġenda ta' kwalunkwe punti oħra għajr dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja.

*Artikolu 10*

1. Is-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu jħejji l-minuti tal-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika. Il-minuti jiġu approvati mill-Kummissjoni Teknika.

2. Il-verżjoni bl-Ingliż tal-minuti se tintbagħat lid-delegazzjonijiet għar-reviżjoni mhux aktar tard minn xahar qabel il-laqgħa li jkun imiss tal-Kummissjoni Teknika.

Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi tal-minuti se jkunu disponibbli malajr kemm jista' jkun wara li fil-verżjoni Ingliża jiddaħħlu l-bidliet miftehma kollha.

3. Membri li ma jkunux irċevew il-minuti fil-lingwa tagħhom jistgħu jirriżervaw l-approvazzjoni finali tagħhom sa ma jkunu rċevew il-minuti b'dik il-lingwa.

*Artikolu 11*

1. Il-Kummissjoni Teknika għandha tirrapporta bil-miktub lill-Kummissjoni Amministrattiva dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tagħha wara kull waħda mil-laqgħat tagħha.

2. Il-President tal-Kummissjoni Teknika għandu jirrapporta dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni Teknika fil-laqgħat tal-Kummissjoni Amministrattiva, jekk ikun mitlub mill-President tal-Kummissjoni Amministrattiva.

*Artikolu 12*

Kwalunkwe azzjoni proposta mill-Kummissjoni Teknika li tinvolvi spejjeż li jridu jiġġarrbu mill-Kummissjoni Ewropea hija suġġetta għall-approvazzjoni tar-rappreżentant ta' dik l-istituzzjoni.

*Artikolu 13*

Ir-rapporti, l-opinjonijiet raġunati, l-aġenda, u kwalunkwe dokument ieħor li jappoġġaw l-attività tal-Kummissjoni Teknika se jinkitbu bl-Ingliż.

*Artikolu 14*

Sa fejn dan hu meħtieġ, il-Kummissjoni Teknika tista' taqbel, b'deċiżjoni unanima, li tispeċifika iktar u fid-dettall ir-regoli attwali ta' proċeduri.

*Artikolu 15*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Tapplika mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

*Artikolu 16*

Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru H2 tat-12 ta' Ġunju 2009.

*Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva*

Claude EWEN

V

*(Avviżi)*

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' talba ta' reġistrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2016/C 263/05)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għat-talba ta' reġistrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**"BURRATA DI ANDRIA"**

**Nru tal-UE: IT-PGI-0005-01393 – 27.10.2015**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

1. **Denominazzjoni**

"Burrata di Andria"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew alimentari**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.3. Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih tapplika d-denominazzjoni fil-punt 1*

Il-"Burrata di Andria" IĠP hija prodott tal-ġobon magħmul mill-ħalib tal-baqra u miksub mill-amalgamazzjoni ta' krema u ġobon tal-pasta filata. L-involukru huwa kostitwit esklussivament mill-pasta filata u fil-ġewwieni tiegħu hemm taħlita ta' krema u pasta filata mqattgħa.

Il-karatteristiċi morfoloġiċi, fiżikokimiċi, mikrobijoloġiċi u organolettiċi

Piż: il-piż tal-"Burrata di Andria" IĠP ivarja bejn 100 g u 1 000 g

Dehra: il-"Burrata di Andria" IĠP għandha l-kulur abjad tal-ħalib, bil-ħxuna ta' involukru daqs jew aktar minn 2 mm bejn wieħed u ieħor

Konsistenza tal-mili: massa mqattgħa, sponżija u mgħaddsa fil-krema

Ghamla: tonda, fil-forma ta' xkora, bl-għeluq apikali karatteristiku

Stracciatella: il-mili jinkiseb bil-pasta filata mqattgħa bir-reqqa bl-idejn u mgħaddsa fil-krema

Kontenut tal-umdità: bejn 60 % u 70 %

— ħruġ ta' krema meta mqattgħa;

— ħjut ("sfilacci") interni ta' dimensjonijiet varjabbli;

— f'termini aromatiċi, riħa pjaċevoli ta' ħalib frisk jew imsajjar, butir, krema;

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Ħalib tal-baqra. Il-krema li tintuża fil-kompożizzjoni tal-"Burrata di Andria" issir permezz taċ-ċentrifugazzjoni tal-ħalib jew tax-xorrox tal-ħalib frisk, u wara tiġi pasturizzata f'temperatura ta' 72 °C għal 15-il sekonda, jew bil-krema friska pasturizzata u/jew krema UHT konfezzjonata u/jew taħlitiet tagħhom, f'konformità mar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

3.4. *Fażijiet speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika delimitata*

Il-ħidmiet kollha tal-ipproċessar tal-materja prima sakemm jinkiseb il-prodott lest għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika delimitata.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, il-konfezzjonament, eċċ. tal-prodott li għalih qed tirreferi d-denominazzjoni reġistrata*

Il-"Burrata di Andria" għanda tiġi kkonfezzjonata fl-azjenda tal-produzzjoni fiż-żona ġeografika delimitata msemmija fil-punt 4 għax hija prodott frisk li għandu tendenza li jiddeterjora faċilment.

Il-"Burrata di Andria" tista' tiġi kkonfezzjonata:

— f'boroż ta' materjal plastifikat għall-ikel, u għalhekk tiġi mgeżwra f'karta plastifikata u tintrabat fil-quċċata b'fili ta' raffja għall-użu alimentari,

— imgeżwra b'weraq plastifikati ħodor;

— ġo trejs, vażetti jew tazzi u/jew mgħaddsa fil-likwidu preservattiv.

Il-prodott għandu jiġi kkonservat f'temperatura bejn 4 °C u 6 °C. Il-piż ta' kull konfezzjoni huwa bejn 100 g u 1 000 g.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih tirreferi d-denominazzjoni reġistrata*

L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Burrata di Andria" għandha tidher fuq it-tikketta b'ittri ċari u indelibbli, distingwibbli b'mod ċar minn kull kitba oħra li tidher fuq it-tikketta; warajha eżatt għandu jkun hemm il-kliem "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" jew l-akronimu "IĠP".

Ma tista' tiżdied l-ebda deskrizzjoni li ma tkunx espressament prevista. Madankollu huwa permess l-użu ta' indikazzjonijiet li jagħmlu referenza għal ismijiet, raġunijiet soċjali jew marki privati u pubbliċi dment li ma jkollhomx għan ta' tifħir u ma jqarrqux bil-konsumatur.

Il-logo tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Burrata di Andria" huwa magħmul mit-totalità tal-grafika tas-simboli u tal-kliem kif tidher hawn taħt:

Il-logo "Burrata di Andria I.G.P." għandu jiġi riprodott fuq it-tikketta, fuq il-konfezzjonijiet u fuq ir-rappreżentazzjonijiet grafiċi inġenerali għall-prodotti kollha kkonfezzjonati, bil-preskrizzjoni li d-dimensjoni tiegħu - ikkalkulata billi jsir paragun mas-superfiċji ta' rettangolu li jikkorrispdoni għall-għoli u għat-tul kumplessivi tal-marka - ma tkunx inqas minn 10 % jew aktar minn 25 % tas-superfiċji totali tar-rappreżentazzjoni grafika.

Fuq il-konfezzjonijiet għandu jkun hemm is-simbolu Ewropew IĠP.

4. **Delimitazzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni, u tal-konfezzjonament tal-"Burrata di Andria" IĠP hija rrappreżentata mit-territorju sħiħ tar-Reġjun tal-Puglia.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Il-"Burrata di Andria" hija ġobon tipiku tal-Puglia li jiddifferenzja ruħu mill-oħrajn minħabba t-teknika partikolari tal-ipproċessar tiegħu u l-karatteristiċi organolettiċi tiegħu. Dan kollu jagħmlu wieħed mill-aktar prodotti tal-ġobon partikolari u ta' valur fil-Puglia u fin-Nofsinhar tal-Italja.

Skont it-tradizzjoni orali, is-Sur Lorenzo Bianchino ivvinta l-Burrata di Andria f'razzett antik fl-ewwel deċennji tas-seklu l-ieħor. Jingħad li minħabba ħalba silġ qawwija ma setax iwassal il-ħalib fil-belt u allura bilfors kellu jittrasformah u juża l-krema li ffurmat b'mod naturali fil-wiċċ permezz tal-kunċett tal-produzzjoni tal-mantèche (qoxriet tal-pasta filata maturata li fihom jinħażen il-butir) u pprova joħloq prodott frisk bl-istess prinċipju. Ma' dan tiżdied il-konnotazzjoni tipika tal-kultura tar-raħħala jiġifieri r-ribelljoni kontra l-ħela u d-drawwa li kull fdal tal-produzzjoni jiġi użat mill-ġdid. Tant hu hekk, li s-Sur Bianchino ħaseb biex iħallat flimkien ir-residwi tal-ipproċessar tal-pasta filata mal-krema u jgeżwer kollox f'involukru magħmul ukoll mill-pasta filata.

Il-Burrata di Andria tippreżenta lilha nnifisha bħala borża tal-pasta filata li tingħata l-għamla bl-idejn u li fiha ħjut tal-istess pasta filata u krema. It-taħlita tal-krema u l-ħjut tal-pasta filata hija magħrufa bħala "stracciatella". It-terminu "stracciatella" ġej sewwasew mill-mod kif jitħejja l-kontenut. Il-pasta filata fil-fatt titqatta' bl-idejn biex jiġu fformati strixxi ("lucini") irregolari.

Waħda mill-ewwel referenzi tmur lura għall-1931 fil-"Guida del Touring Club" u minnufih is-suċċess tal-Burrata di Andria kien enormi, mhux biss fl-Italja imma wkoll barra, tant li fix-Xaħ tal-Persja hemm wieħed mill-aktar ammiraturi leali. It-togħma sempliċi u tal-butir ta' dan il-prodott tipiku tal-Puglia tikseb is-sodisfazzjon ta' dawk kollha li meta jersqu lejn il-kċina Mediterranja jfittxu prodotti sempliċi, ġenwini u li mhumiex elaborati żżejjed.

Il-Burrata di Andria kisbet preżenza notevoli fil-menujiet ta' għadd kbir ta' ristoranti madwar id-dinja u l-valur ta' dan il-prodott jintwera meta tiġi speċifikata l-provenjenza tiegħu mill-Andria fl-Italja. Il-prodott Burrata di Andria, mhux biss żamm stabbli r-rabta bejn it-tradizzjoni produttiva u t-territorju, iżda laħaq fama ħafna aktar sinfikattiva meta wieħed iqis d-durata limitata tal-prodott li tirrestrinġi l-kummerċjalizzazzjoni. Fil-fatt billi l-prodott jiġi kkonsmat frisk, jidher li l-Burrata hija minsija mill-aktar operaturi kummerċjali importanti u hija kkummerċjalizzata f'suq niċċa. Madanakollu, il-prodott jippreżenta domanda konsolidata evidentement marbuta mal-fatt li kiseb reputazzjoni tajba ħafna mal-konsumaturi.

Huma ħafna l-artikli dwar dan il-ġobon kemm fl-istampa nazzjonali kif ukoll dik barranija. Il-"Corriere della Sera" f'rapport tas-26 ta' Awwissu 1977 jitkellem dwar il-"Burrata di Andria" bħala eżempju ta' eċċellenza fil-produzzjoni tal-ġobon fil-Puglia u fin-Nofsinhar kollu tal-Italja.

Artiklu tar-Repubblica tas-16 ta' Diċembru 1999 jikkwota speċifikament lill-"Burrata di Andria" bħala wieħed mill-prodotti li għandhom jiġu ssalvagwardjati.

Barra minn hekk, f'artiklu ta' Allan Bay fuq www.vivimilano.it/atavola dan il-prodott jiġi definit bħala ġobon fantastiku u uniku.

Artiklu f'IL SOLE 24 ORE tat-30 ta' Lulju 1999 ' jitkellem dwar il-Burrata bħala eżemju ta' eċċellenza tal-Puglia.

F'artiklu ta' La Stampa, miktub minn Vanna Pescatori u bit-titlu "La Mondanità", dan il-ġobon prezzjuż huwa msemmi fl-ikla ta' Gala organizzata mill-Ferrari, il-manifattur awtomobilistiku prestiġjuż ta' Maranello.

F'artiklu bit-titlu "Giacimenti gustosi da salvaguardare" fis-suppliment tal-Ħadd Tempo Liberato f'IL SOLE 24 ORE, Davide Paolini jassoċja il-"Burrata di Andria" ma' ikel delizzjuż ieħor fil-kultura kulinarja Taljana bħall-Mozzarella di Bufala Campana, il-Coppa Piacentina, il-Caciocavallo Silano, eċċ li għandu jiġi protett u ssalvagwardjat.

Fit-18 ta' Awwissu tal-1990 Nicola Dante Basile, artiklu bit-titlu "Formaggi, il pecorino guida l'export" fis-suppliment tal-biedja ta' IL SOLE 24 ORE, jiddeskrivi l-Burrata di Andria bħala "impenjattiva", u bla dubju qed jirreferi għall-attenzjoni u kważi l-qima li għandha tingħata lit-tali ġobon.

Fl-2000, wara l-istabbiliment tar-reġistru tal-prodotti tradizzjonali mill-Ministeru tal-Agrikoltura (bid-Digriet Ministerjali Nru 350/1999), il-*Burrata di Andria* iddaħħlet minnufih mir-Reġjun tal-Puglia fl-ewwel elenku tiegħu.

Fid-9 ta' Ottubru 2000 ġiet definita wkoll minn Alberto Pejrano bħala "Ġojjell tal-ħalib" fir-rubrika "tmiem il-ġimgħa ta' 'Slow Food' - ir-riħa tfuħ tal-Puglia ta' Federico II". Fis-sit web www.stayinitaly.com fit-taqsima dwar ir-Reġjun tal-Puglia, il-"Burrata di Andria" tiġi ddikjarata fost ġobon ieħor bħala prodott tipiku tal-Puglia. Xi oħrajn fis-sit web www.agipzone.com jiddefinixxu l-"Burrata di Andria" bħala mirquma ħafna.

Minkejja d-durata qasira tagħha, il-"Burrata di Andria" hija apprezzata ħafna barra mill-Italja, anki f'pajjiżi bħall-Istati Uniti fejn kull ġimgħa l-prodott jintbagħat minn xi azjendi assoċjati. Xhieda ta' dan huwa l-menù ta' katina magħrufa ta' ristoranti "Il Fornaio" li ta' spiss torganizza kampanji tematiċi li matulhom tippromwovi speċjalitajiet u ikel delizzjuż partikolari.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

It-test ikkonsolidat tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web: http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/MT/IDPagina/3335

jew

direttament mill-paġna web ewlenija tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, l-Ikel u l-Forestrija (www.politicheagricole.it), minn "Qualità e sicurezza" (fil-parti ta' fuq tal-lemin tal-iskrin) u fl-aħħar nett minn "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT